**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Jannar, 2002

**Numru 20**

**Avviz numru 1839/00JR**

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Anthony Mifsud u l-istess Anthony Mifsud**

**vs**

**Sonny Raymond Muscat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija sebgha u sebghin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm177.52), u fejn intqal:**

1. L-attur Anthony Mifsud kien qed isuq il-vettura BAE-304 minn St Venera Bypass fl-"inner lane" biex jipprocedi lejn il-Mosta, fl-1 ta' Frar, 2000;

2. F'daqqa wahda t-truck BBA-269 misjuq mill-konvenut qabzu u laqat fuq il-parti ta' wara fuq il-lemin il-vettura ta' l-attur u baqa' ghaddej;

3. L-attur waqqaf lill-konvenut li donnu lanqas kien induna b'dak li ghamel bit-truck tieghu;

4. L-atturi b'ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru interpellaw lill-konvenut biex ihallashom id-danni izda ghal ta' xejn;

5. Dawn id-danni jammontaw ghal mija sebgha u sebghin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm177.52) li minnhom mija tnejn u hamsin lira Maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm152.52) gew sopportati mill-kumpanija attrici that il-polza u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) mill-attur de proprio;

6. **Ghalhekk l-atturi qeghdin jaghmlu din il-kawza li biha jitolbu li dan it-Tribunal jogghbu jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-imsemmija habta billi grat tort tieghu u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u jogghbu jikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni s-somma ta' mija sebgha u sebghin lira Maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm177.52) kwantu ghal mija tnejn u hamsin lira Maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm152.52) lill-kumpanija attrici li sburzat taht il-polza u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur li batihom minn butu.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru, 2000 u ta' dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8% fis-sena mill-15 ta' Settembru, 2000, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-23 ta' Jannar, 2001, fejn intqal illi l-incident tat-traffiku li gara bejn il-konvenut u Anthony Mifsud, ma garax tort tal-konvenut, u kwindi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mula, Anthony Mifsud, Sonny Raymond Muscat u PS 1373 John Micallef. Ra n-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda allegat incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Frar, 2000, fil-Bypass ta' Santa Venera, bejn il-vettura BAE-304 misjuqa mill-attur u l-vettura BBA-269 misjuqa mill-konvenut.**

2. **Iz-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni, u gejjin mid-direzzjoni ta' Santa Venera.**

3. **Skond l-attur f'waqt minnhom il-konvenut qabzu u rassu l-gewwa. Il-konvenut kien qed isuq truck vojt. L-attur jghid li hu paqpaqlu l-horn, pero` l-konvenut bir-rota ta' wara laqtu fuq il-mudguard ta' wara tal-lemin kif muri fir-ritratt.**

4. **Il-konvenut jichad li laqat lill-attur. Pero` kif sew rilevat mid-difensur ta' l-attur din ic-cahda ma kienetx kategorika, tant li ghal darba darbtejn il-konvenut jghid li ma deherlux li laqtu.**

5. **Jirrizulta li wara li saret il-kollizzjoni, ghalkemm l-attur paqpaqlu, il-konvenut baqa sejjer sakemm waqaf hdejn it-traffic lights hdejn il-**

**Kappara. L-attur li kien segwih, kien ser imur ikellmu, meta l-konvenut rega' saq, sakemm fl-ahhar waqaf hdejn il-Klarissi fit-tela' tal-Kappara. F'dan il-hin kollu l-attur kien qed idoqqlu il-horn.**

6. **Dan il-punt ta' l-ahhar huwa rilevanti, in kwantu facilment seta' l-konvenut ma ndunax bid-daqqa li ta' lill-attur hekk kif lanqas ma semgha l-horn ta' l-attur sa zmien wara. Jigi rilevat li l-konvenut kien qed isuq vettura kbira, u d-daqqa fuq il-vettura tal-attur kienet zghira.**

7. **Il-prova inkonfutabbli li kienet il-vettura tal-konvenut li kkawzat id-danni fil-vettura ta' l-attur tinsab mhux biss fix-xhieda ta' l-attur, izda fid-deposizzjoni tas-Surgent PS1373 John Micallef li xehed li fuq it-tyre ta' wara tat-truck tal-konvenut kien hemm marka ta' zebgha "blue", cioe` l-istess kulur tal-vettura ta' l-attur. Dana gie konstatat mis-Surgent meta l-partijiet marru l-ghassa wara li l-attur waqqaf lill-konvenut. Jirrizulta inoltre li fejn kellu d-daqqa l-attur kien hemm il-marka sewda tat-tyre.**

8. **Ghalhekk jirrizulta li tassew il-konvenut dahal fl-attur u dana waqt manuvra ta' surpass u waqt li l-attur kien miexi fil-karreggjata tieghu. Jirrizulta li l-konvenut rass fuq l-attur u din kienet il-kawza ta' l-incident. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ghandu jigi ritenut unikament responsabbli il-konvenut.**

9. **Bhala danni dawna gew konfermati minn Joseph Mula tas-socjeta` assikurattrici bhala ammontanti ghal mija sebgha u sebghin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm177.52) li minnhom mija tnejn u hamsin lira Maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm152.52) gew sopportati mill-kumpanija attrici taht il-polza, u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) mill-attur personalment.**

**Ghaldaqstant peress illi l-incident in kwistjoni gara tort tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija tnejn u hamsin lira Maltija tnejn u hamsin centezmu (Lm152.52) u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00). bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru, 2000 u ta' dik kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**